MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 139/2007

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati in rapprezentanza ta' l-assenti D E F G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat assenti zzewgu fil-21 ta' Gunju tas-sena 2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg Bess u mmarkat bhala Dok. VAV 1;

2. Illi r-rikorrenti dahlet ghal dan iz-zwieg b' intenzjonijiet nobbli stante l-fatt li kienet thobb lill-istess intimat izda fattwalment irrizulta li ghall-intimat dan kien biss zwieg ta' konvenjenza;

3. Illi ghalkemm l-intimat ghandu karta ta’ l-identita’ Maltija, huwa effettivament qatt ma rrisjeda hawn Malta;

4. Illi l-intimat qata’ kwalunkwe tip ta’ komunikazzjoni jew kuntatt ma’ martu u ghalhekk giet reza impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

5. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), datat il-wiehed u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena 2006, (Bess u mmarkat bhala Dok. VAV 2);

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C u E F G H b’ tort unikament imputabbli lir-ragG minhabba abbandun, adulterju, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li huwa kkommetta kontra martu;

2. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

3. Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;

4. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha dritt li tirrisjedi fid-dar li fattwalment qatt ma kienet id-dar matrimonjali tal-koppja u cioe fil-fond Seascape, Flat No. 7, Triq Dawret it-Tunnara, MGlieha Bay, MGlieha ad eskluzjoni ta’ l-intimat;

5. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma ma kienux edotti mill-fatti, u ghalhekk irriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti, ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess, kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16

**Separazzjoni Personali**

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed, u taghtiha affidament.

Mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li fil-21 ta' Gunju 2000 fl-Gharabja Sawdita, l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-konvenut assenti, ta' nazzjonalita' egizzjana; u fil-21 ta' Frar 2006 il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

L-attrici, li tahdem bhala nurse, tispjega li kienet iltaqghet mal-konvenut, professur mediku, waqt konferenza fl-Olanda fis-sena 1998 u sussegwentement bdiet tahdem fl-istess sptar fejn kien jahdem il-konvenut fl-Gharabja Sawdita. Hija tghid li f' dak iz-zmien kienet rat "stramba hafna" il-fatt li, ghalkemm huma ma kienux ilhom jafu lil xulxin hafna, huwa kien jimmanifesta insistenza sabiex jizzewgu; izda hi kienet eventwalment accettat minhabba ragunijiet ta' xoghol da parti tieghu.

Jirrizulta li fiz-zwieg il-konvenut ftit li xejn kien jirrispetta lill-attrici. Ghalkemm kGlu introjtu sostanzjali mill-professjoni tieghu, huwa kien xhih maghha u hija kienet tmanti lilha nnifisha u lilu bl-introitu taghha. Is-sitwazzjoni bdiet tiddeterjora meta l-attrici skopriet li zewgha kien jdhol fis-siti pornografici fuq l-internet, u anke kien jibaghat

messaggi romantici fuq il-mobile. Hija tghid li zewgha kGlu karattru difficli hafna, kien egoist u “kemm-il darba” kien refa’ jdejh fuqha. Sussegwentement kienet isseparat minn mieghu fil-21 ta’ Frar 2006.

*Ikkunsidrat ulterjorment;*
Illi mill-kwadru tal-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti tirravvisa f’ dan il-kaz, komportament abbusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, konsistenti f’ “sevizzi” u “ingurja gravi” fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.precitat: “sevizzi”, konsistenti f’ atti ripetuti ta’ vjolenza morali u fisika, u nuqqas serju ta’ affezzjoni fil-konfront ta’ martu; u “ingurji gravi” konsistenti f’ kunfidenzi ndebiti da parti tieghu fir-rigward ta’ nisa ohra, li, ghalkemm ma jintegrawx il-prova ta’ l-adulterju, izda jikkostitwixxu ngurja fil-konfront ta’ martu.

Hija rilevanti wkoll it-tesi attrici li, anke wara s-separazzjoni de facto, zewgha kien baqa’ jigri warajha u jiffittaha sabiex hija tiffirmalu d-dokumenti sabiex ikun jista’ jakkwista c-cittadinanza maltija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet giet reza mpossibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabilment, tort unikament tal-konvenut assenti fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici Genkat lista dettaljata ta’ l-assi kollha tal-komunjoni, inkluzi dawk parafernali, kif ukoll il-pretensjoni taghha f’ dan ir-rigward. Kopja ta’ din in-nota, li tinsab a fols.28 sa 29 tal-process, qieghda tigi Bessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A].

Illi dwar dan l-aspett tal-kawza, l-attrici tghid li, nonostante li fl-assi hemm diversi proprjeta’ immobbli u anke mobbli barra minn Malta, hija tippretendi biss li jigi assenjat lilha l-appartament numru 7 fil-blokk bl-isem “Seascape” go Triq Dawret it-Tunnara MGlieha Bay, MGlieha li hija kienet akkwistat b’ kuntratt ta’ sGf u kompravendita fid-9 ta’

Dicembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottoressa Dorita Galea Medati.

L-attrici spjegat li, ghalkemm dan il-fond kien inxtrara waqt iz-zwieg, dan kien inxtara minnha bi flus derivanti esklussivament mill-introitu taghha. Hija tghid li l-pagamenti tas-sGf bankarju dejjem thallsu, u ghadhom jithallsu minnha esklussivament.

Il-Qorti tordna li l-assi tal-komunjoni ndikati fl-Bessa appendici [A] jigi assenjati hekk:

[1] Illi s-sehem kollu tal-konvenut fl-imsemmi appartament numru 7 Triq Dawret it-Tunnara, MGlieha Bay, MGlieha kif ukoll il-mobbli kollha li hemm fih, jigi assenjat lill-attrici, b' mod li din ikollha l-proprjeta' intiera ta' dan il-fond u tal-mobbli li hemm fih; izda kull dejn li ghadu pendenti fuq il-fond de quo jghandu jigi mhallas esklussivament mill-attrici.

[2] Illi s-sehem kollu ta' l-attrici fil-kumplament tal-proprjeta' tal-komunjoni li tinsab barra minn Malta, qed jigi assenjat lill-konvenut assenti, b' mod li dan ikollu l-proprjeta' intiera ta' dawn l-oggetti, mobbli u mmobbli.

Kull dejn li sar minn wiehed mill-konjugi ad insaputa tal-konjugi l-iehor, ghandu jibqa' esklussivament a kariku tal-konjugi li jkun ghamlu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwG talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort unikament tal-konvenut assenti;
[2] tilqa' t-tieni talba u tiddikjara x-xoljment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b' effett mill-21 ta' Frar 2006, tillikwidaha u tordna li tigi assenjata kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti"**
[3] tilqa' t-tiGet talba kif fuq indikat;
[4] tilqa' ir-raba talba;

[5] tilqa’ il-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut assenti d-dispost ta’ l-artikolu 48 Kap.16 fl-intier tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti; izda dawk rGattivi ghal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------